**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT 172/18/B

Frances Bergedahl
vs
International Trading Company Ltd

Illum, 4 ta' Marzu, 2019

It-Tribunal:

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fil-05 ta' Novembru 2018 li permezz tieghu l-attrici qed titlob rifuzjoni ta' wiehed u tmenin Euro u tlettax il-centezmu (€ 81.13c) rapprezentanti prezz ta' pompa tal-ilma li hija xtrat minghand is-socjeta' intimata.

Ra illi s-socjeta' intimata baqghet ma ntavolatx risposta bil-miktub ghal din it-talba izda attendiet u kkontestat it-talba tal-attrici fis-seduta quddiem dan it-Tribunal.

Ra l-Atti tal-process;

Semgha ix-xhieda;

Ra d-Dokumenti esebiti;

Ikkunsidra:

Illi t-Tribunal ikkunsidra illi l-kwistjoni tal-kawza odjerna tittrata hsara fil-pompa tal-ilma li l-attrici xtrat (permezz tal-plumber taghha) minghand is-socjeta' attrici. Illi l-attrici tispjega illi hija kienet inkarigat lil *plumber* taghha (Mr. Sghendo) sabiex jixtri u jinstalla pompa tal-ilma u *Flow Switch Flow Pump*. Illi jirrizulta minn 'Dok 1' ipprezentat mal-avviz, illi dawn l-oggetti nxtraw 09 t' Ottubru 2017 u nghataw sena garanzija.

Illi fl-avviz l-attrici tispjega illi l-istess pompa giet moghtija kontra l-elementi u dan kif jidher minn 'Dok 2' anness mal-avviz. Illi wara ghaxar xhur l-pompa waqfet tiffunzjona u l-attrici regghet inkarigat lil *plumber* Mr Sghendo. Illi s-Sur Sghendo rritorna l-istess pompa (li kienet ghadha taht garanzija) ghand l-intimat. Illi is-socjeta' intimata irrifjutat li tirrifondi lill-attrici. Illi filfatt l-attrici, fl-avviz promutur pprezentat l-ittra responsiva lis-

socjeta' intimata batet lill-attrici (Dok 3) fejn sahqet illi (a) il-pompa kienet installata *"...outside with no protection, in an environment that exceeds 40°C.."* (b) Kosengwentament li l- pompa *'had no protection': "... this made it susceptible to functioning properly, due to excessive heat and also any residue coming from foreign elements such as wind and rain"*. Illi konsegwenza tal-istess elementi l-mutur garrab hsara minhabba *blockage.*

Illi l-attrici xehdet bil-gurament u kkonfermat l-avviz taghha. Illi l-attrici pproduciet lis-Sur Sghendo li xehed bil-gurament u li kkonferma illi l-pompa tal-ilma u flow switch xtrahom hu ghan-nom tal-attrici minghand is-socjeta' intimata u installhom huwa stess. Illi huwa spejga illi wara li l-pompa rrizultawla xi problem huwa hadha ghand is-socjeta' initmata li kienu nfumawh illi l-problema kienet minhabba ilma bil-hama u minhabba li l-pompa ma kienetx moghtija. Illi x-xhud spjega ukoll illi huwa kwalifikat bhala *plumber* u li nstalla diversi pompi tal-ilma minghajr diffikulta. Illi in kontro ezami, x-xhud spejga illi huwa nghata ghazla mir-rapprezentant tas-socjeta' intimata li jixtri l-pompa tal-ilma armata jew zarmata u huwa ghazel li jiehu wahda armata. Huwa spejga illi filfatt huwa inghata biss il-pompa u xejn aktar. Cahad illi huwa kellu *l-instruction manual* u jghid li l-anqas l-kaxxa tal-pompa ma nghata.

Illi minn naha tas-socjeta' intimata xehed Christopher Bianco, li spjega illi l-problema tal-pompa tal-ilma kienet *burned coil.* Huwa stqarr illi gol pompa kien hemm xi *foreign object* li kkawza l-pompa tishon izzejjed (*overheating*) u minhabba li l-pompa giet moghtija hemm kif jidher minn 'Dok 2' (anness mal-avviz) ma kienx hemm *ventilation.* Il-fatt illi l-pompa ffunzjonat ghal ghaxar xhur skond ix-xhud tindika illi l-pompa ma kienetx difettuza. Illi x-xhud esebixxa rapport tat-*technician* (Dok A). Illi mistoqsi in kontro ezami dwar l-fatt illi s-socjeta' initmata kienet kontradittorja (u dan ghal fatt jekk il-pompa kienetx moghtija jew le) in vista tal-ittra li kienu batu lill-attrici (Dok 3) u x-xhieda li ta quddiem it-Tribunal - huwa jghid illi l-effett finali huwa l-istess peress li jkun hemm nuqqas ta' ventilazzjoni u b'hekk *overheating.* Finalment ix-xhud jghid illi filwaqt li huwa minnhu li *instruction manual* ma jighatax huwa sostna illi l-klijent ghandu jistaqsi ghal wiehed.

Ikkunsidra:

Illi t-Tribunal jikkunsidra l-verzjonijiet moghtija miz-zewg partijiet. Illi minn naha l-attrici dejjem baqghet konsistenti. Illi l-attrici nkarigat *plumber,* kwalifikat u ta' certu esperjenza sabiex jaghmel ix-xogholijiet kollha u sabiex jixtri l-pompa mertu tal-kawza. Illi t-Tribunal ghalhekk jikkunsidra illi l-attrici hadet il-prekawzjonijiet kollha li hija setghet tiehu.

Illi minn naha l-ohra s-socjeta' intimata kienet inkosistenti fil-verzjoni taghha u cioe' fejn fl-ittra (Dok 3) sostniet illi l-hsara giet ikkawzata peress li l-pompa ma kienetx moghtija u quddiem it-Tribunal x-xhud Christopher Bianco sostna illi l-*encasing* tal-istess pompa ikkawza *overheating* li wassal ghall-hsara fil-pompa. Illi it-tieni verzjoni hija ukoll kontrastata mir-rapport esebit mis-socjeta' intimata (Dok A) fejn gie indikat: *"Water pump*

*started rusting … <u>due to being installed outside exposed to elements</u>"* (sottolinjar tat-Tribunal). Illi di piu' t-Tribunal ma jistax ma josservax n-nuqqas tas-socjeta' intimata illi ma provdietx il-*instruction manual* lis-Sur Sghendo, liema fatt gie ammess mis-socjeta' intimata. Pero' wara li rrizulta l-hsara fl-istess pompa, is-socjeta' intimata rrispondiet lill-attrici (Dok 3) billi ikkwotaw diversi siltiet mill-istess *instruction manual* li huma stess ma ghaddewx lill-kompratur. Illi fil-fehma tat-Tribunal huwa l-obbligu tal-istess socjeta' intimata li tghati kopja tal-*instruction manual* lill-kompratur, u f'kaz li l-kompratur jirrifjutah huwa jassumi r-riskji f'kaz t'installazzjoni mhux korretta.

Ghalhekk dawn il-motivi, it-Tribunal jikkunsidra illi s-socjeta' intimata naqset meta ma ghaddietx kopja tal-*instruction manual* lill-attrici u dan specjlament meta kif indikat mill-istess socjeta' attrici fl-istess *manual* hemm indikat ezatt x'jehtieg ghal installazzjoni u l-operazjoni tal-istess pompa tal-ilma.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jaqta u jiddeciedi dan l-avviz, ghar-ragunijiet fuq spjegati, billi jilqa' t-talba tal-attrici u jikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lill-attrici s-somma ta' wiehed u tmenin Euro u tlettax il-centezmu (€ 81.13c).

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra s-socjeta' intimata.

Avv. Paul Borg LL.D.
Arbitru